



Brussell, 23 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10820/20

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0101(COD)

CODEC 810
MI 332
ENV 515
ENT 105
PE 58

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi - Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Brussell, l-14 sas-17 ta' Settembru 2020)

I. INTRODUZZJONI

Ir-rapporteur, Esther de Lange (PPE, NL) ippreżentat rapport li jikkonsisti f'24 emenda (l-emendi 1-24) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel.

Barra minn hekk, il-grupp ECR ippreżenta ħames emendi (l-emendi 25-29); u diversi MEPs tal-grupp PPE ppreżentaw sitt emendi (l-emendi 30-35).

II. VOTAZZJONI

Meta vvutat fil-15 ta' Settembru 2020, il-plenarja adottat 24 emenda (1-24) għall-proposta għal Regolament. L-ebda emenda oħra ma ġiet adottata. L-emendi adottati jinsabu fl-anness.

Fi tmiem il-votazzjoni fis-16 ta' Settembru 2020, il-proposta ġiet riferuta lura lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, skont ir-Regola 59(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, biex b'hekk l-ewwel qari tal-Parlament ma jingħalaqx u jinfetħu n-negozjati mal-Kunsill.

P9_TA-PROV(2020)0222

Approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur (Emissjonijiet f'Sewqan Reali)***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-17 ta' Settembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (COM(2019)0208 – C9-0009/2019 – 2019/0101(COD))¹

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jesiġi li l-vetturi ħfief il-ġodda jikkonformaw ma' ċerti limiti ta' emissjoni (l-istandards Euro 5 u Euro 6) u jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi. Id-dispożizzjonijiet tekniċi speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni **ta' dak ir-Regolament** kienu stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008⁴ u sussegwentement, fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1151⁵.

Emenda

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jesiġi li l-vetturi ħfief il-ġodda jikkonformaw ma' ċerti limiti ta' emissjoni (l-istandards Euro 5 u Euro 6) u jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, **kif emendat u kkonsolidat aktar bir-Regolament (UE) 2018/858^{3a}, li japplika mill-1 ta' Settembru 2020**. Id-dispożizzjonijiet tekniċi speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni **tar-Regolament (KE) Nru 715/2007** kienu stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008⁴ u sussegwentement, fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1151⁵.

^{3a} **Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-**

¹ Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba subparagrafu (A9-0139/2020).

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) B'mod gradwali u b'mod sinifikanti, ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip rigward l-emissjonijiet minn vetturi bil-mutur saru aktar stretti permezz tal-introduzzjoni u r-reviżjoni sussegwenti tal-istandards Euro. Filwaqt li l-vetturi b'mod ġenerali wasslu tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet fil-firxa kollha tal-inkwinanti rregolati, dan ma kienx il-każ għall-emissjonijiet tal-NO_x minn magni diżil jew **għall-partiċelli** minn magni b'injezzjoni diretta tal-petrol, installati b'mod partikolari fil-vetturi ħfief. Għalhekk, huma meħtieġa azzjonijiet biex din is-sitwazzjoni **tiġi kkoreġuta**.

Emenda

(3) B'mod gradwali u b'mod sinifikanti, ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip rigward l-emissjonijiet minn vetturi bil-mutur saru aktar stretti permezz tal-introduzzjoni u r-reviżjoni sussegwenti tal-istandards Euro. Filwaqt li l-vetturi b'mod ġenerali wasslu tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet fil-firxa kollha tal-inkwinanti rregolati, dan ma kienx il-każ għall-emissjonijiet tal-NO_x minn magni diżil jew **għall-partikoli** minn magni b'injezzjoni diretta tal-petrol, installati b'mod partikolari fil-vetturi ħfief. Għalhekk, huma meħtieġa azzjonijiet biex **jikkoreġu** din is-sitwazzjoni.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) *Ġie stmat mir-Rapport tal-2019 dwar il-Kwalità tal-Arja^{1a} ippubblikat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) li fl-2016 l-esponiment fit-tul għat-tniġġis tal-arja kien responsabbli għal aktar minn 506 000 mewta prematura fl-UE-28. Ir-rapport ikkonferma wkoll li t-trasport bit-triq baqa' s-sors primarju tal-emissjonijiet tal-NO_x fl-UE-28 fl-2017, li rrappreżenta madwar 40 % tal-emissjonijiet totali tal-NO_x fl-UE, u li madwar 80 % tal-emissjonijiet totali tal-NO_x mit-trasport bit-triq huma ġġenerati minn vetturi li jaħdmu bid-diżil;*

^{1a} ***Rapport tal-2019 tal-EEA "Air Quality in Europe" (Il-Kwalità tal-Arja fl-Ewropa)***

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) L-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi għall-operaturi indipendenti huwa kruċjali sabiex il-fiduċja tal-konsumaturi tiġi stabbilita mill-ġdid.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3c) Każijiet riċenti ta' ksur tal-qafas legali eżistenti mill-manifatturi, inkluż ksur tal-obbligi legali tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007, urew id-dgħufijiet tal-mekkaniżmi ta' kontroll u ta' infurzar. Il-konsumaturi tħallew mingħajr kumpens sodisfaċenti, peress li anki meta ngħata kumpens, sikwit dan ma wassalx biex il-vetturi jkunu konformi mal-istandards Euro 5 u 6. Minħabba li l-għadd dejjem jikber ta' projbizzjonijiet fuq id-diżil madwar il-bliet Ewropej qed jaffettwa l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, miżura ta' kumpens adegwat tkun li l-vetturi mhux konformi jiġu mgħammra b'teknoloġija adattata ta' trattament tal-egżost ("bidla fil-hardware"), filwaqt li, f'każ li l-konsumatur ikun jixtieq jiskambja vettura mixtrija ma' mudell aktar nadif, miżura oħra tkun l-offerta ta' primjums ta' konverżjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Bħala riżultat, il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija ġdida għall-ittestjar tal-emissjonijiet tal-vetturi f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali, il-proċedura tat-test tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE). Il-proċedura tat-test RDE ġiet introdotta mir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) 2016/427⁶ u (UE) 2016/646⁷, sussegwentement meħuda fir-Regolament (UE) 2017/1151 u mtejba aktar ***bir-Regolament*** tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1154⁸.

⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/427 tal-10 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward ta' emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 6), ĠU L 82, 31.3.2016, p. 1.

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/646 tal-20 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi ħfief għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) (ĠU L 109, 26.04.2016, p. 1).

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1154 tas-7 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1151 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-

Emenda

(5) Bħala riżultat, il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija ġdida għall-ittestjar tal-emissjonijiet tal-vetturi f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali, il-proċedura tat-test tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE). Il-proċedura tat-test RDE ġiet introdotta mir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) 2016/427⁶ u (UE) 2016/646⁷, sussegwentement meħuda fir-Regolament (UE) 2017/1151 u mtejba aktar ***bir-Regolamenti*** tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1154⁸ ***u (UE) 2018/1832^{8a}***.

⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/427 tal-10 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward ta' emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 6), ĠU L 82, 31.3.2016, p. 1.

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/646 tal-20 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi ħfief għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) (ĠU L 109, 26.04.2016, p. 1).

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1154 tas-7 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1151 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-

Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 u d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-emissjonijiet f'sewqan reali ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 6), ĠU L 175, 7.7.2017, p. 708.

Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 u d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-emissjonijiet f'sewqan reali ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 6) (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 708).

8^a Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1832 tal-5 ta' Novembru 2018 li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 għall-fini tat-titjib tat-testijiet u l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet għal vetturi ħfief għall-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali, inklużi dawk it-testijiet u l-proċeduri għall-konformità fis-servizz u l-emissjonijiet f'sewqan reali u li jintroduċi mezzi għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika (ĠU L 301, 27.11.2018, p. 1).

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 2016/646⁹ introduċa d-dati tal-applikazzjoni tal-proċedura tat-test RDE, kif ukoll il-kriterji ta' konformità għall-RDE. Għal dak il-fini, ***intużaw*** fatturi ta' konformità speċifiċi għall-inkwinanti biex jitqiesu l-inċertezzi tekniċi u statistiċi tal-kejl li sar permezz ta' Sistemi Portabbli għall-Kejl tal-Emissjonijiet (PEMS).

⁹ Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/646 tal-20 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi ħfief

Emenda

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 2016/646⁹ introduċa d-dati tal-applikazzjoni tal-proċedura tat-test RDE, kif ukoll il-kriterji ta' konformità għall-RDE. ***L-introduzzjoni tad-dati tal-applikazzjoni għal vetturi tal-passiġġieri u vetturi ħfief intgħażlet f'sekwenza annwali biex tiżgura li l-manifatturi ta' kull grupp ta' vetturi jkollhom żmien biżżejjed għall-ippjanar.*** Għal dak il-fini, ***għew introdotti*** fatturi ta' konformità speċifiċi għall-inkwinanti biex jitqiesu l-inċertezzi tekniċi u statistiċi tal-kejl li sar permezz ta' Sistemi Portabbli

għall- passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) (ĠU L 109, 26.04.2016, p. 1).

għall-Kejl tal-Emissjonijiet (PEMS).

⁹ Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/646 tal-20 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi ħfief għall- passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) (ĠU L 109, 26.04.2016, p. 1).

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Skont ir-rapport tal-EEA mill-2016, id-diskrepanza bejn l-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali u dawk tal-laboratorju kienet prinċipalment minħabba tliet fatturi: proċedura tat-test skaduta, flessibbiltajiet fil-proċedura attwali u fatturi fl-użu li huma dipendenti fuq is-sewwieq. Jenħtieġ studju sabiex jiġi stabbilit il-marġni li jkun dovut għall-istil tas-sewqan u għat-temperatura ta' barra. Jenħtieġ li ssir distinzjoni ċara bejn is-CF, il-marġni relatat mal-apparat u l-marġni tal-fattur fl-użu li jkun dipendenti fuq is-sewwieq u fuq it-temperatura.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Fit-13 ta' Diċembru 2018, il-Qorti Ġenerali tat sentenza fil-Kawża Konġunti T-339/16, T-352/16 u T-391/16²² rigward rikors għal annullament tar-Regolament

(7) Fit-13 ta' Diċembru 2018, il-Qorti Ġenerali tat sentenza fil-Kawża Konġunti T-339/16, T-352/16 u T-391/16²² rigward rikors għal annullament tar-Regolament

(UE) Nru 2016/646. Il-Qorti Ġenerali annullat il-parti tar-Regolament (UE) 2016/646 li **stabbilixxiet** il-fatturi ta' konformità użati biex tiġi vvalutata l-konformità tar-riżultati tat-test RDE mal-limiti ta' emissjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 715/2007. Il-Qorti sabet li l-leġiżlatur biss jista' jintroduċi dawk il-fatturi ta' konformità għaliex dawn kienu jaffettwaw element essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

(UE) Nru 2016/646. Il-Qorti Ġenerali annullat il-parti tar-Regolament (UE) 2016/646 li **kienet stabbiliet** il-fatturi ta' konformità użati biex tiġi vvalutata l-konformità tar-riżultati tat-test RDE mal-limiti ta' emissjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 715/2007. Il-Qorti sabet li l-leġiżlatur biss jista' jintroduċi dawk il-fatturi ta' konformità għaliex dawn kienu jaffettwaw element essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 **u "dan iwassal de facto għall-emenda tal-limiti tal-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu stabbiliti mill-istandard Euro 6, filwaqt li dawn il-limiti għandhom japplikaw"**.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Il-Qorti Ġenerali **ma kkontestatx il-ġustifikazzjoni teknika tal-fatturi** ta' konformità. **Għalhekk, u billi** fl-istadju attwali tal-iżvilupp teknoloġiku għad hemm diskrepanza bejn l-emissjonijiet imkejla f'sewqan reali u dawk imkejla f'laboratorju, huwa xieraq li jiġu introdotti l-fatturi ta' konformità fir-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Emenda

(8) Il-Qorti Ġenerali **qajmet dubji "dwar il-fondatezzazza tal-invokazzjoni, mill-Kummissjoni, ta' żbalji possibbli ta' natura statistika", b'mod partikolari fir-rigward tal-fattur** ta' konformità **temporanju ta' 2,1 u ddikjarat li "l-inċertezzi tal-istatistika jikkoreġu ruħhom bir-rappreżentattività tal-kampjun jew tat-test jew in-numru ta' testijiet". Barra minn hekk, fir-rigward tal-marġni introdott ta' inċertezza teknika, il-Qorti affermat li "dan ifisser li ma jistax jiġi ddeterminat wara test RDE jekk il-vettura tat-test tissodisfax jew le dawn il-limiti, jew anki l-approċċ". Kwalunkwe tagħmir ta' kejl għandu marġni ta' inċertezza teknika, u t-tagħmir tal-PEMS, minħabba l-użu tiegħu f'kundizzjonijiet aktar varjabbli, instab li għandu marġni kemmxejn akbar meta mqabbel ma' tagħmir tal-laboratorju mhux mobbli minkejja li dan jista' fil-fatt ifisser kemm stima għolja wisq kif ukoll baxxa wisq tal-emissjonijiet. Billi fl-istadju attwali tal-**

iżvilupp teknoloġiku għad hemm
diskrepanza bejn l-emissjonijiet imkejla
f'sewqan reali u dawk imkejla flaboratorju,
huwa xieraq li **temporanjament** jiġu
introdotti l-fatturi ta' konformità fir-
Regolament (KE) Nru 715/2007.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(8a) Ir-risoluzzjoni tal-Parlament
Ewropew tat-28 ta' Marzu 2019 dwar
żviluppi riċenti fl-iskandlu "Dieselgate"
laqgħet is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u
talbet b'mod espliċitu lill-Kummissjoni biex
ma tintroduċi l-ebda fattur ta' konformità
ġdid sabiex ikun żgurat li l-istandards
Euro 6 ma jiġifux l-effettività tagħhom u
minflok jintlaħqu f'kundizzjonijiet
normali tal-użu, kif previst oriġinarjament
fir-Regolament (KE) Nru 715/2007.**

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu
jikkonformaw mal-limiti ta' emissjoni
Euro 6 fil-kuntest tal-proċedura tat-test
RDE, il-kriterji ta' konformità għall-RDE
għandhom jiġu introdotti f'żewġ stadji.
Matul l-ewwel stadju, wara talba tal-
manifattur, jenħtieġ li japplika fattur ta'
konformità temporanju, filwaqt li bħala t-
tieni stadju jenħtieġ li jintuża biss il-fattur
ta' konformità finali. Jenħtieġ li l-

(9) Sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu
jikkonformaw mal-limiti ta' emissjoni
Euro 6 fil-kuntest tal-proċedura tat-test
RDE, il-kriterji ta' konformità għall-RDE
jenħtieġ li jiġu introdotti f'żewġ stadji.
Matul l-ewwel stadju, wara talba tal-
manifattur, jenħtieġ li japplika fattur ta'
konformità temporanju, filwaqt li bħala t-
tieni stadju jenħtieġ li jintuża biss il-fattur
ta' konformità finali. **Il-fattur ta'**

Kummissjoni *tibqa' tirrevedi l-fatturi ta' konformità finali* fid-dawl tal-progress tekniku.

konformità finali jenħtieġ li japplika matul perjodu ta' tranżizzjoni u jinkludi marġni li jesprimi l-inċertezza tal-kejl addizzjonali marbuta mal-introduzzjoni tal-PEMS. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta kontinwament dak il-fattur ta' konformità fid-dawl tal-progress tekniku u ta' kull sena taġġustah 'l isfel abbażi ta' evidenza xjentifika, il-preċiżjoni mtejbja tal-proċedura ta' kejl u l-progress tekniku tal-PEMS. Il-fattur ta' konformità jenħtieġ li jitbaxxa b'mod gradwali u sat-30 ta' Settembru 2022 ma jridx jibqa' japplika.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

(9a) Jenħtieġ li sa mhux aktar tard minn Ġunju 2021 il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti aktar rigorużi għat-tagħmir tal-kejl tal-PEMS li jkun jista' jintuża għat-testijiet RDE. L-istandards stabbiliti jenħtieġ li, fejn possibbli, iqisu kull element rilevanti ta' standardizzazzjoni żviluppat mis-CEN abbażi tal-aħjar tagħmir tal-PEMS disponibbli.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Huwa importanti li jiġi enfasizzat li filwaqt li din il-proposta tittratta l-fattur ta' konformità, il-kwistjoni tal-istandards ta' limitu tal-emissjonijiet għandha tiġi ttrattata fil-kuntest tal-proposta li jmiss post-Euro 6. Sabiex jiġi żgurat li jkun

hemm progress rapidu lejn l-adozzjoni tal-valuri limitu tal-emissjonijiet futuri (post-Euro 6) u kwalità tal-arja mtejba għaċ-ċittadini tal-Unjoni, huwa essenzjali li l-Kummissjoni tippreżenta, fejn xieraq, proposta leġislattiva għal dak l-għan mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn Ġunju 2021, kif imħabbar fil-komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", li jenfasizza l-ħtieġ li ssir bidla lejn mobbiltà sostenibbli u intelliġenti u li jiġi żgurat perkors lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero. Jenħtieġ li ma jintuża l-ebda fattur ta' konformità fl-implimentazzjoni tal-istandards post-Euro 6.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 9c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9c) Sabiex il-produtturi jiġu mħeġġa jkollhom attitudni proattiva u favur l-ambjent, l-innovazzjonijiet teknoloġiċi l-ġodda intenzjonati li jassorbu l-NOx jenħtieġ li jiġu ttestjati, kwantifikati u kkunsidrati fir-reviżjoni sussegwenti tal-istandards Euro.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) It-Trattat ta' Lisbona jintroduċi l-possibbiltà li l-leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi

(10) It-Trattat ta' Lisbona jintroduċi l-possibbiltà li l-leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi

mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. Il-miżuri li jistgħu jiġu koperti b'delegi tas-setgħat, kif imsemmi fl-Artikolu 290(1) *tat-TFUE*, fil-prinċipju jikkorrispondu ma' daww koperti mill-proċedura regolatorja bl-iskrutinju stabbilit bl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE¹¹. Għalhekk jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju jiġu adattati għall-Artikolu 290 tat-TFUE.

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni, konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. Il-miżuri li jistgħu jiġu koperti b'delegi tas-setgħat, kif imsemmi fl-Artikolu 290(1) *tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)* fil-prinċipju jikkorrispondu ma' daww koperti mill-proċedura regolatorja bl-iskrutinju stabbilit bl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE¹¹. Għalhekk jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju jiġu adattati għall-Artikolu 290 tat-TFUE.

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni, konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Sabiex jingħata kontribut għall-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja u sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-vetturi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 *tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)* jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli dettaljati dwar il-proċeduri speċifiċi, it-testijiet u r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip. Jenħtieġ li dik id-delega tinkludi l-issupplimentar tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 permezz ta' tali regoli riveduti kif ukoll iċ-ċikli tat-test użati biex jitkejlu l-emissjonijiet; ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-użu ta' tagħmir ta' riduzzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-

Emenda

(11) Sabiex jingħata kontribut għall-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja u sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-vetturi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 *tat-TFUE* jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli dettaljati dwar il-proċeduri speċifiċi, it-testijiet u r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip. Jenħtieġ li dik id-delega tinkludi l-issupplimentar tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 permezz ta' tali regoli riveduti kif ukoll iċ-ċikli tat-test użati biex jitkejlu l-emissjonijiet; ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-użu ta' tagħmir ta' riduzzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet; il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' manifattur

emissjonijiet; il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' manifattur li jipprovdi aċċess mhux ristrett u standardizzat għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi; l-adozzjoni ta' proċedura ta' kejl riveduta għall-partikolari. **Jenħtieġ li d-delega tinkludi wkoll l-emendar tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 bil-għan li l-fatturi ta' konformità finali li jiġu riveduti 'l isfel sabiex dawn jirriflettu l-progress tekniku fil-PEMS u l-ikkalibrar mill-ġdid tal-valuri ta' limitu bbażati fuq il-massa ta' partikuli u l-introduzzjoni ta' valuri ta' limitu bbażati fuq in-numru ta' partikuli.** Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, anki fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, **jenħtieġ li l-Parlament** Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom **jenħtieġ li jkollhom** aċċess sistematiku għal-laqqhat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

li jipprovdi aċċess mhux ristrett u standardizzat għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi; u l-adozzjoni ta' proċedura ta' kejl riveduta għall-partikolari. **Minkejja l-perjodu qasir bejn id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u r-revoka tad-dispożizzjonijiet dwar informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni (RMI) permezz tar-Regolament (UE) 2018/858, għall-finijiet ta' ċertezza legali u biex ikun żgurat li l-għażliet kollha jkun disponibbli għal-leġiżlatur, jenħtieġ li d-delega tinkludi wkoll il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-manifattur li jipprovdi aċċess mingħajr restrizzjonijiet u aċċess standardizzat għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi.** Jenħtieġ li d-delega tinkludi wkoll l-emendar tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 bil-għan li l-fatturi ta' konformità jiġu riveduti 'l isfel sabiex dawn jirriflettu **l-kwalità mtejbja tal-proċedura ta' kejl jew il-progress** tekniku fil-PEMS u l-ikkalibrar mill-ġdid tal-valuri ta' limitu bbażati fuq il-massa ta' partikuli u l-introduzzjoni ta' valuri ta' limitu bbażati fuq in-numru ta' partikuli. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, anki fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016^{1a}. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, **il-Parlament** Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom **ikollhom** aċċess sistematiku għal-laqqhat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

^{1a} ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawk l-obbligi jinkludu ***l-issodisfar tal-limiti*** ta' emissjoni stabbiliti fl-Anness I. Għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-konformità mal-limiti ta' emissjoni Euro 6 stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness I, il-valuri tal-emissjonijiet determinati waqt kwalunkwe test validu tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (RDE) għandhom jiġu diviżi bil-fattur ta' konformità applikabbli stabbilit fit-Tabella 2a tal-Anness I. Ir-riżultat għandu jibqa' taħt il-limiti ta' emissjoni Euro 6 stabbiliti fit-Tabella 2 ta' dak l-Anness.

Emenda

Dawk l-obbligi jinkludu ***l-konformità mal-limiti*** ta' emissjoni stabbiliti fl-Anness I. Għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-konformità mal-limiti ta' emissjoni Euro 6 stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness I, il-valuri tal-emissjonijiet determinati waqt kwalunkwe test validu tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (RDE) għandhom jiġu diviżi bil-fattur ta' konformità applikabbli ***kif*** stabbilit fit-Tabella 2a tal-Anness I. Ir-riżultat għandu jibqa' taħt il-limiti ta' emissjoni Euro 6 stabbiliti fit-Tabella 2 ta' dak l-Anness. ***Il-fattur ta' konformità għandu jitbaxxa b'mod gradwali permezz ta' reviżjonijiet annwali 'l isfel, abbażi ta' valutazzjonijiet mill-JRC. Sat-30 ta' Settembru 2022 il-fattur ta' konformità m'għandux jibqa' japplika.***

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-manifattur għandu jattrezza l-vetturi b'mod li l-komponenti li jistgħu jaffettwaw l-emissjonijiet jiġu ddisinjati, mibnija u mmuntati b'mod li jippermetti li

Emenda

1. Il-manifattur għandu jattrezza l-vetturi b'mod li l-komponenti li jistgħu jaffettwaw l-emissjonijiet jiġu ddisinjati, mibnija u mmuntati b'mod li jippermetti li

l-vettura, fl-użu normali, tikkonforma ma' dan ir-Regolament.;

l-vettura, fl-użu normali, tikkonforma ma' dan ir-Regolament. ***Il-manifattur għandu jiggarrantixxi wkoll l-affidabbiltà tat-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis u għandu jimmira li jnaqqas ir-riskju ta' serq ta' dan it-tagħmir jew it-tbagħbis fih.***

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007

Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14a sabiex tissupplimenta l-Artikoli 6 u 7. Dan għandu jinkludi d-definizzjoni u l-aġġornament ta' speċifikazzjonijiet tekniċi relatati mal-mod ta' kif għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar l-OBd u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, b'mod li tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14a sabiex tissupplimenta l-Artikoli 6 u 7. Dan għandu jinkludi d-definizzjoni u l-aġġornament ta' speċifikazzjonijiet tekniċi relatati mal-mod ta' kif għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar l-OBd u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, b'mod li tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs, ***il-mikrointrapriżi u l-operaturi li jaħdmu għal rashom.***

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Matul kwalunkwe test RDE validu, il-konformità mal-valuri ta' limitu Euro 6 għandha tiġi ddeterminata billi jitqies il-fattur ta' konformità speċifiku għall-inkwinanti stabbilit fit-Tabella 2a tal-Anness I skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1).

Emenda

Matul kwalunkwe test RDE validu, il-konformità mal-valuri ta' limitu Euro 6 għandha tiġi ddeterminata billi jitqies il-fattur ta' konformità speċifiku għall-inkwinanti stabbilit fit-Tabella 2a tal-Anness I, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1). ***Il-fattur ta' konformità għandu jitbaxxa b'mod gradwali permezz ta' reviżjonijiet annwali 'l isfel, abbażi ta' valutazzjonijiet mill-JRC. Sat-30 ta' Settembru 2022 il-fattur ta' konformità m'għandux jibqa' japplika.***

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007

Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Matul kwalunkwe test RDE validu, il-konformità mal-valuri ta' limitu Euro 6 għandha tiġi ddeterminata billi jitqies il-fattur ta' konformità speċifiku għall-inkwinanti stabbilit fit-Tabella 2a tal-Anness I skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1).

Emenda

Matul kwalunkwe test RDE validu, il-konformità mal-valuri ta' limitu Euro 6 għandha tiġi ddeterminata billi jitqies il-fattur ta' konformità speċifiku għall-inkwinanti stabbilit fit-Tabella 2a tal-Anness I, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1). ***Il-fattur ta' konformità għandu jitbaxxa b'mod gradwali permezz ta' reviżjonijiet annwali 'l isfel, abbażi ta' valutazzjonijiet mill-JRC. Sat-30 ta' Settembru 2022 il-fattur ta' konformità m'għandux jibqa' japplika.***

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007

Artikolu 14 – paragrafu 3 u paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li:

(a) jissupplimentaw dan ir-Regolament sabiex jadattaw il-proċeduri, it-testijiet u r-rekwiżiti kif ukoll iċ-ċikli tat-test użati biex jitkejlu l-emissjonijiet sabiex jirriflettu b'mod adegwat l-emissjonijiet f'sewqan reali;

(b) jemendaw dan ir-Regolament sabiex ikun hemm adattament għall-progress tekniku għall-fatturi ta' konformità ***finali*** speċifiċi għall-inkwinanti stabbiliti fit-Tabella 2a tal-Anness I.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, ***sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2021***, atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li ***jissupplimentaw dan ir-Regolament sabiex il-proċeduri, it-testijiet u r-rekwiżiti kif ukoll iċ-ċikli tat-test użati biex jitkejlu l-emissjonijiet jiġu adattati sabiex jirriflettu b'mod adegwat l-emissjonijiet tas-sewqan reali f'kundizzjonijiet normali tal-użu, inklużi inter alia t-temperatura u l-kundizzjonijiet ta' limitu, inaqqsu d-deriva taż-żero u jindirizzaw żidiet qawwija fl-għadd ta' partikoli li jirriżultaw mit-tindif tal-filtri, filwaqt li jitqies kull element rilevanti ta' standardizzazzjoni żviluppat mis-CEN u abbażi tal-aħjar tagħmir disponibbli.***

3a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14a li jemendaw dan ir-Regolament sabiex ikun hemm adattament għall-progress tekniku u tirrieżamina 'l isfel għall-fatturi ta' konformità speċifiċi għall-inkwinanti stabbiliti fit-Tabella 2a

Emenda 24

Proposta għal regolament Anness – paragrafu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007

Anness I – tabella 2a – ringiela 2

Test propost mill-Kummissjoni

CF inkwinant -finali ⁽²⁾	1,43	1,5	-	-	-
---	-------------	------------	---	---	---

⁽²⁾ CF inkwinant-finali huwa l-fattur ta' konformità użat biex tiġi ddeterminata l-konformità mal-limiti ta' emissjoni Euro 6 billi jitqiesu l-inċertezzi tekniċi marbuta **mal-użu** tas-Sistemi Portabbli għall-Kejl tal-Emissjonijiet (PEMS).

Emenda

CF inkwina nt-finali (2)	1 + marġini (marġini = 0,32*)	1 + marġini (marġini = 0,5*)	-	-	-
-----------------------------------	--	---	---	---	---

*** *għandu jiġi rivedut 'l isfel tal-anqas kull sena abbażi tal-valutazzjonijiet regolari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.***

⁽²⁾ CF inkwinant-finali huwa l-fattur ta' konformità użat biex tiġi ddeterminata l-konformità mal-limiti ta' emissjoni Euro 6 ***waqt perjodu tranżizzjonali*** billi jitqiesu l-inċertezzi tekniċi ***addizzjonali ta' kejl*** marbuta ***mal-introduzzjoni*** tas-Sistemi Portabbli għall-Kejl tal-Emissjonijiet (PEMS). ***Dan huwa espress bħala 1 + marġni ta' inċertezza ta' kejl. Sat-30 ta' Settembru 2022, il-marġini għandu jkun żero, u l-fattur ta' konformità m'għandux japplika aktar.***